Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8577 — Norsk Hydro/Sapa)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 247/06)

1. Fl-24 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Norsk Hydro ASA (in-Norveġja) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, takkwista l-kontroll tal-impriża Sapa AS kollha kemm hi (in-Norvegja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Norsk Hydro: fornitur dinji tal-aluminju b'attivitajiet tul il-katina kollha tal-valur, inklużi l-produzzjoni u l-bejgħ tal-aluminju primarju, estrużjonijiet tas-soft-alloy, sistemi tal-bini u prodotti rrumblati ċatti,

— għall-impriża Sapa: produttur dinji ta' prodotti tal-aluminju bi tliet attivitajiet ewlenin: (i) estrużjonijiet mis-soft alloy tal-aluminju, (ii) sistemi tal-bini, u (iii) tubi ta' preċiżjoni wweldjati. Sapa hija negozju bi sħab u attwalment ikkontrollati b'mod konġunt minn Norsk Hydro u Orkla ASA.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8577 — Norsk Hydro/Sapa, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.